MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 1679/2003/1

**David Kent Watson**

**vs**

**Margaret Agius**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ April, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta’ tlett elef, erba’ mija, erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), ekwivalenti ghal Lm1500 rapprezentanti hlas dovut lill-attur mill-konvenuta ghal servizzi moghtija mill-attur fil-produzzjoni tat-teleserje l-Agenzija, liema hlas hu dovut in kwantu ghas-somma ta’ Lm1307 ghal servizzi ta’ direttur

skond kuntratt datat 11 ta' April, 2002 anness u in kwantu ghas-somma rimanenti ghal servizzi ta' *lighting cameraman.*

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuta fejn eccipixxiet illi preliminarjament l-attur ghandu jindika b'mod preciz u dettaljat l-ammont ta' flus li qed jitlob – jekk hu l-ammont kif indikat fil-mandat ta' sekwestru numru 1771/03 jew l-ammont kif indikat fit-talba odjerna;

Fit-tieni lok il-konvenut qed jecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal *rationae valoris*;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut kien diga` ghamel pagament u l-ebda ammont ma hu dovut stante illi x-xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Ghaldaqstant, it-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` x-xhieda ta' David Kent Watson, Maragret Agius, Louiselle Vassallo, Raymond Agius, Andrew Galea Debono, Nicholas Mangion, Dr Noel Camilleri, kif ukoll ra xhieda bl-affidavits.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Mill-provi jirrizulta illi din il-kawza titratta dwar talba ghal hlas ghal servzzi rezi mill-attur lill-attrici, liema servizzi skond l-attrici ma kienux ta' kwallita' pattwita.

Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta gew irtirati fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003.

Illi fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2004 gie nominat Paul Parkers bhala perit tekniku u fl-24 ta' Frar, 2005 izda din in-nomina giet revokata mit-Tribunal diversament presjedut.

L-attur spjega kif huwa gie mqabbad mill-konvenuta sabiex jghinha taghmel *television series.* Jirrrizulta illi l-konvenuta kienet il-*producer* tat-teleserje Agenzija. Qal illi kien hadem ghal certu perjodu ghall-konvenuta u ma kienx thallas, sussegwentement gie iffirmat ftehim f'April, 2002 bejn il-partijiet ghal servizzi ta' direttur ghat-teleserje prodott mill-konvenuta. Fil-ftehim gie imnizzel illi huwa thallas Lm2,500 ghas-servizzi rezi qabel il-11 ta' April, 2002 u mill-bqija ta' Lm1407 il-konvenuta halset Lm600 ma` l-ftehim u kien baqa' Lm870 u Lm500 bhala *bonus* lid-direttur tax-xoghol tieghu. Illi in oltre kellu jithallas Lm192 ghal 32 siegha servizz bhala *cameraman*. Huwa sostna illi l-konvenuta qatt ma kienet ilmentat bix-xoghol tieghu sahansitra kienet hallitlu messagg fuq l-*answering machine* tieghu li hija kienet kuntenta bil-kwalita' tas-servizz moghti minnu.

It-Tribunal jirrilleva illi l-messag m'huwiex datat u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jikkonstata meta kien ntbaghat il-messagg.

Il-konvenuta spjegat kif hija ma kienetx sodisfatta bis-servizzi ta' l-attur u li huwa naqas milli jikkonsenja 'tape' numru tlettax li kien jikkontjeni siegha ta' *iffilmjar* u cioe' program shih. Illi b'kollox hija hallsitu Lm3,100 ghal sitt mija u sbatax-il siegha ta' filmar u li l-attur ikkonsenjala biss erbghin 'tape' minn hamsa u erbghin li hija giet imwieghda. Illi hafna mill-*'filming'* kien ta' kwalita' hazina u kellu jerga` jsir *'filming'* mill-bidu. Dan l-*extra filming* kien sar minn Charles Grech u Tony Parnis. Il-konvenuta spjegat l-involviment finanzjarju ma dan it-tip ta' xoghol u spjegat il-mod kif kienu ha jithallas il-*crew* tekniku kif ukoll l-atturi.

Spjegat ukoll kif l-attur kien zamm it-*tapes* tal-*filming* u ma kienx taghhomlha qabel ma hallsitu. Jidher illi t-*tapes* ma kienux mehuda sewwa u ma kienx bi hsiebu jaghmel dan ix-xoghol u kellha tqabbad lil terzi persuna sabiex jaghmlu ix-xoghol u ta' *editing* mill-gdid minhabba n-nuqqasijiet ta` l-attur. Hija qalet illi minhabba in-nuqqas ta' professjonalita' ta' l-attur hija dahlet fi spejjez zejda.

It-Tribunal sema` x-xhieda ta' Louiselle Vassallo li kienet hadet sehem fit-teleserje Agenzija bhala attrici izda kienet ghenet ukoll fl-*editing* tal-programm peress illi tahdem ukoll fil-qasam tal-produzzjoni tal-video. Hija tghallem dan is-suggett fl-Universita' ta' Malta u tokkupa kariga gholja fil-qasam tax-xandir. Illi din ix-xhud ghandha mill-inqas erbghatx-il sena' esperjenza fil-kamp tax-xandir partikolarment fejn jidhol produzzjoni u editjar ta` l-iffilmjar. Spjegat kif giet inkarigata taghmel ix-xoghol ta' *editing* ghat-teleserje Agenzija. Ikkonfermat illi x-xoghol maghmul u prezentat mill-attur ma kienx maghmul sewwa u kienet damet hafna zmien biex teditja l-iffilmjar. Dawn it-tip ta' problemi li ltaqghet maghhom jigru meta x-xoghol ma jkunx sar sewwa. Vassallo giet ingaggata teditja zewg programmi u qalet illi t-tapes kienu danneggati u kellhom 'glitches' li jhassru l-kwalita'. Qalet illi normalment editjar ta' program ta' siegha jiehu gurnata jew gurnata u nofs xoghol izda fil-kaz tat-*tapes* li kellha teditja kienu hadu bejn tlieta u erbat ijiem. Punt partikolarment li qajmet ix-xhud kien illi certi 'shots' kellhom 'take' wahda u f'dan il-kamp irid ikun hemm iktar minn *take* wahda sabiex meta jasal il-mument tal-*editing* il-bniedem responsabbli ta` l-*editing* jkollu iktar minn fejn x'jaghzel.

Ix-xhud Andre Galea Debono spjega kif huwa gie mqabbad mill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol ta' *editing* ghat-teleserje Agenzija u huwa kien *editja* t-tapes kollha hlief ghal zewg programmi li

kien taghhom lill-Louiselle Vassallo, xhud precedenti. Huwa spjega kif ix-xoghol ta’ l-attur kien inkonsistenti u f’daqqiet kien xoghol li seta’ jintuza u x’imdaqqiet kien x-xoghol li ma setax jintuza u konsegwentement kellu jerga’ jsir l-iffilmjar mill-bidu. Spjega kif kien hemm okkazjonijiet fejn huwa kellu jerghu jaghmel l-iffilmjar huwa stess mill-bidu. Dan ix-xoghol irrikjeda hafna dewmien u gieli kienu ghaddew diversi xhur b’rizultat illi kienu jinholqu problemi ulterjuri u ta’ dewmien ta’ hin. Dan kien ikkawzat mill-fatt illi l-iffilmjar kien maghmul hazin mill-attur. Xhud iehor inkarigat mill-*editing* tal-programm ikkonferma dak kollu li ntqal mix-xhud Galea Debono u li in oltre parti kbira li kellu jergha jigi ffilmjat minhabba xoghol hazin maghmul mill-attur.

Mill-provi jirrizulta illi l-attur kien ipproduca xoghol mhux ta’ kwalita’ pattwita u li dahhal lill-konvenuta Margaret Agius fi spejjez zejda sabiex ix-xoghol ta` l-attur isir sewwa. Illi mix-xhieda jirrizulta illi l-attur ma kienx ta lill-konvenuta x-xoghol kollu miftiehem maghha u ma kienx rritornalha il-*footage* kollu ta` l-iffilmjar.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-attur naqas serjament fil-konfront ta` l-attrici u kellu jimxi b’mod iktar professjonali. Illi mill-provi jirrizulta lli x-xoghol prodott mill-attur ma kienx xoghol professjonali u fil-parti kbira kellu jerga` jsir mill-gdid.

Illi t-talba ta` l-attur hija maqsuma fi tlett partijiet. Hemm Lm807 rimanenti mill-Lm1407 mitluba wara li l-konvenuta kienet hallset Lm600 ma` l-ftehim. Hemm Lm500 mitluba bhala parti mill-ftehim bhala *bonus* ghas-servizzi rezi b’mod sodisfacenti lil-Producer. *In oltre* hemm talba ghas-sieghat rezi bhala *cameraman* fejn talab is-somma ta’ Lm192.

Illi skond il-ftehim l-attur kellu jaghti servizz professjonali, kompetenti u ta’ livell gholi u li kellu

> jahdem b'mod diligenti konformi ma` xoghol ta' direttur tat-teleserje.
>
> It-Tribunal huwa moralment konvint illi wara li gie ffirmat il-ftehim inqalghu certi problemi bejn il-partijiet u l-attur beda jonqos mid-doveri tieghu bhala Direttur tat-teleserje. Illi minhabba divergenzi li kien hemm bejn il-partijiet huwa beda jaghti xoghol mhux komplut lill-konvenuta jew xoghol addirittura hazin.
>
> It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenuta ppruvat illi l-kwalita' ta' xoghol maghmul mill-attur ma kienx ta' kwalita' pattwita u li hija dahlet f'hafna spejjez sabiex tirriproduci xogholu.
>
> Ghaldqstant, it-Tribunal jidhirlu lli t-talba ta' l-attur ma timmeritax akkoljiment.
>
> Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.
>
> Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.**"**

L-ilmenti ta' l-attur bl-appell tieghu fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma cirkoskritti ghas-segwenti:-

(1) It-Tribunal ma mexiex b'mod ghal kollox gust fil-kondotta tal-proceduri u naqas milli jirrispetta ghal kollox il-principji ta' gustizzja naturali "*audi alteram partem*" minn tribunal imparzjali;

(2) It-Tribunal ma ghamelx gudizzju xieraq mil-lat ekwitativ;

Brevement hafna, il-kaz in ezami jitratta minn talba ta' l-attur ghall-hlas ta' servizzi *qua* direttur tas-serje televiziva "L-Agenzija" li tieghu l-konvenuta kienet il-*producer.* Dan skond il-kuntratt ta' ftehim tal-11 ta' April, 2002, esebit a fol. 2 tal-process. Il-konvenuta opponiet dan il-hlas bid-difiza illi x-xoghol ma kienx tal-kwalita patwita. Jinzel

minn dawn iz-zewg posizzjonijiet tal-partijiet fil-litigju, in tema ta’ oneru tal-provi, illi l-attur htieglu jiddemostra li huwa espleta l-inkarigu lilu moghti mentri stava ghall-konvenuta li tiskarika minn fuqha l-piz tal-prova ghas-sostenn ta’ dik id-difiza taghha illi x-xoghol mill-attur ma kienx ta’ dik il-kwalita aspettata minnu skond il-kuntratt;

Qabel ma tinoltra ruhha fuq l-indagini dwar jekk il-partijiet issuperawx il-piz hekk inkombenti fuqhom u dik tal-valutazzjoni li saret in referenza mit-Tribunal, anke ghaliex din ticcentra l-aktar mat-tieni aggravju, il-Qorti jokkorrilha tinvesti l-asserzjoni ta’ l-appellanti ta’ l-allegata vjolazzjoni mit-Tribunal tal-principju ta’ gustizzja naturali;

Mill-mod kif inhu konsegwit dan l-ewwel aggravju, u anke, del resto, it-tieni wiehed, l-appellanti qieghed jikkollega ruhu ghad-dispost ta’ l-Artikolu 8 (2) (d) ta’ l-Att V ta’ l-1995 li jipprovdi dritt ta’ appell “meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella”. Fl-ispjegazzjoni moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, jinghad illi “mhux kull infrazjoni ta’ din ix-xorta allura tiggustifika appell lil din il-Qorti. Mhux biss. Anke fejn tali infrazzjoni tkun gravi, irid jigi provat li dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella. Pregudizzju li jrid ikun reali u materjali ghax hu marbut mal-jeddijiet ta’ l-appellant u ma xejn aktar.” (“**Carmen Borg -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning)**”, 5 ta’ Ottubru, 1998);

Premess dan, fil-kaz prezenti l-appellanti jadduci illi l-ksur tad-dettami ta’ l-imparzjalita` jikkonsistu f’dan li gej. It-Tribunal ikkonsidra x-xhieda u l-Affidavit ta’ Raymond Agius meta dan kien ikun prezenti waqt is-seduti. Ukoll, it-Tribunal naqas li jikkonsidra messagg rekordjat li l-konvenuta baghtet lilu u li kien jikkumplimentah ghax-xoghol tajjeb li ghamel fit-*teleseries*;

Fuq l-ewwel doljanza, l-Artikolu 591 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, riferit ukoll mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu, ghandu, kif ritenut, "*per base il principio e la precauzione dell'esame separato dei testimoni; quella disposizione cioe è intesa ad evitare che un teste che dovesse ancora deporre possa ascoltare la deposizione di un altro testimone che dovesse deporre sopra circostanze di tempo, di luogo e di persona, sulle quali quel testimonio dovesse ancora deporre e frustrare, in tal modo, lo scopo di potere, sia in esame che in contro-esame, scoprire la pregiudizievole inveridicita` del testimonio.*" Ara "**Teresa Borg Testaferrata -vs- Alfonso Borg Testaferrata**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Frar, 1911). B'danakollu, kif preskritt mill-istess artikolu, dan il-principju mhux assolut u l-Qorti, ghal raguni tajba, tista' titbieghed minnu. Dan skond id-diskrezzjoni u l-konvinciment tal-gudikant li jkun, anke jekk, ragonevolment, l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ma ghandux lanqas ikun arbitrarju;

Issa huwa veru skond l-atti illi l-appellanti talab, ghal dik ir-raguni, l-isfilz ta' l-Affidavit tax-xhud Raymond Agius (ara verbal tat-18 ta' April, 2007), izda imbaghad ma jirrizultax minn verbali sussegwenti li huwa kompla jinsisti dwar dan. Apparti hekk, ma jidherx lanqas mill-kontenut tas-sentenza illi l-evidenza ta' dak ix-xhud kienet b'xi mod influwenti ghar-*ratio decidendi* tal-gudikatur, b'mod li seta' jingibed, oggettivament, xi rifless negattiv fuq l-imparzjalita` tieghu;

Fuq it-tieni doljanza, jrid jinghad illi l-fatt li t-Tribunal ma kkonsidrax, skond kif pretiz mill-appellanti, il-messagg rekordjat traskritt a fol. 50 ma ghandux, lontanament, jikkonduci ghac-censura ta' xi parzjalita` fit-Tribunal b'mod li jwassal biex is-sentenza tigi inficjata ghal dik ir-raguni. Se mai, dak il-messagg kellu importanza konnettiva mal-valutazzjoni tal-provi u, kif inhu maghruf, gudikant ghandu l-poter li jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra, u mhux lanqas marbut li jezamina kull element singolu tal-provi ghax ghal dik il-

valutazzjoni tieghu hu sufficjenti stharrig globali tal-provi, purke konsegwiti minn motivazzjoni kongruwa. Fid-dawl tal-premess u ta' dak superjorment konsidrat l-ewwel aggravju qieghed jigi rigettat;

Huwa importanti b'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju illi jigi sottolinejat illi skond l-artikolu 4.02 tal-kuntratt ta' ftehim tal-11 ta' April, 2002 l-appellanti kien qieghed jiggarantixxi illi "*all services to which this Agreement applies shall be performed diligently in a good workmanlike manner and to a high standard of professional competence and shall be suitable for the purposes specified in Article 1.00*." Dan l-ahhar artikolu jinkorpora fih id-deskrizzjoni tas-servizzi li l-appellanti *qua* direttur, kellu jippresta;

Huwa mill-ewwel vizibbli minn dan il-patt kontrattwali illi l-appellant kellu jadopera ruhu skond il-mudell ta' dik id-diligenza tal-missier tajjeb tal-familja li jippreciza l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili. Ir-riferiment ghal dan il-mudell kellu mill-appellanti jitraduci ruhu b'mod li hu jadempixxi l-obbligazzjonijiet tieghu skond in-natura tal-prestazzjoni minnu rikjesta u li jezegwixxi dik il-prestazzjoni skond il-kwalita` partikolari ta' l-attivita` mitluba minnu. Dan, b'mod professjonali u skond dik l-abilita` teknika ghall-espletar tal-mansjoni determinata affidata lilu. F'din l-ezekuzzjoni kien dejjem, imbaghad, mistenni minghandu li jhares l-interessi tal-konvenuta, fis-sens illi r-rendiment tieghu jaghti rizultat utli;

Fuq l-evalwazzjoni li ghamlet din il-Qorti tal-provi rrizultalha li kien hemm mankanzi kwalitativi fil-prestazzjoni ta' direttur tas-serje televiziva da parti ta' l-appellanti. Dan hu sew sopportat mix-xhieda ta' Louiselle Vassallo (fol. 36 u fol. 97), Dr. Andrew Galea Debono (fol. 40) u Nicholas Mangion (fol. 44) li kienu inkarigati mill-*editing* ta' l-iffilmjar, u li lkoll iddikjaraw li x-xoghol ma kienx professjonali, jew kien tant skars li fil-parti l-kbira kellu jsir mill-gdid. Evidentement, spiza zejda u telf ta'

energija u hela ta' hin ghall-appellata. Jingibed minn dan, b'riflessjoni, illi l-appellant naqas milli jezegwixxi l-prestazzjoni *di fare* tieghu bid-diligenza professjonali dovuta u, ukoll, li, addizzjonalment, naqas li josserva dawk il-komportamenti accessorji ghal dik l-attivita` tieghu u li jiehu l-kawteli necessarji biex ikun assikurat illi xoghlu jkun professjonalment korrett. Dan ghaliex, kif sewwa osservat ix-xhud Luoiselle Vassallo, "hu d-direttur li jara li l-*creative objectives* u l-*artistic objectives* tal-programm jew tal-produzzjoni jintlahqu" (fol. 99). Dawn l-obbjettivi f'dan il-kaz huma, apprezzevolment, mankanti;

Huwa ghalhekk barra minn loku l-ilment propunjat mill-appellanti bit-tieni aggravju li l-gudizzju tat-Tribunal kien jippekka mil-lat ekwitativ. Fil-konfini tal-principju informatur tal-materja, ir-regola ta' gudizzju adottata mit-Tribunal f'dan il-kaz tidher sew, u ragonevolment, ankrata fil-kumpless unitarju tal-provi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell lilha sottomess fiz-zewg kapi ta' l-aggravji tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------